



Brussell, 3 ta' Ottubru 2016  
(OR. en)

12832/16  
ADD 1

COMPET 517  
ENV 631  
CHIMIE 54  
MI 614  
ENT 177  
SAN 343  
CONSUM 231

#### NOTA TA' TRASMISSJONI

minn: Kummissjoni Ewropea

data meta waslet: 28 ta' Settembru 2016

lil: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

Suġġett: REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta' XXX li jemenda l-Anness XVII tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-Reġistrazzjoni, il-Valutazzjoni, l-Awtorizzazzjoni u r-Restrizzjoni ta' Sustanzi Kimiċi (REACH) fir-rigward tal-eteru tal-bis(pentabromofenil)  
(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument D045427/04.

Mehmuż: D045427/04

## ANNESS

Fl-Anness XVII tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006, tiżdied l-entrata li ġejja:

|   |  |
|---|--|
| <p>“ 67.<br/>Eteru tal-bis(pentabromofenil)<br/>(eteru tad-dekabromodifenil; decaBDE)</p> <p>Nru CAS 1163-19-5<br/>Nru KE 214-604-9</p> | <ol style="list-style-type: none"> <li>1. Ma għandux jiġi mmanifatturat jew jitqiegħed fis-suq bħala sustanza waħidha wara [id-data — 24 xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].</li> <li>2. Ma għandux jintuża fil-produzzjoni ta':             <ol style="list-style-type: none"> <li>(a) sustanza oħra, bħala kostitwent;</li> <li>(b) taħlita;</li> <li>(c) oġġett, jew kwalunkwe parti tiegħu, jew introdott fis-suq fihom, f'konċentrazzjoni daqs jew ikbar minn 0,1 % tal-piż, wara [id-data — 24 xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].</li> </ol> </li> <li>3. Il-paragrafi 1 u 2 ma għandhomx japplikaw għal sustanza, kostitwent ta' sustanza oħra jew taħlita li trid tintuża, jew tiġi użata:             <ol style="list-style-type: none"> <li>(a) fil-produzzjoni ta' ingēnu tal-ajru qabel [id-data — 10 snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament],</li> <li>(b) fil-produzzjoni ta' spare parts għal kull wieħed minn dawn li ġejjin:                     <ol style="list-style-type: none"> <li>(i) ingēnu tal-ajru mmanifatturat qabel [id-data — 10 snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament],</li> <li>(ii) vetturi motorizzati fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2007/46/KE, vetturi agrikoli u forestali fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 167/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*) jew makkinarju fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2006/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (**), prodotti qabel [id-data — 24 xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament).</li> </ol> </li> <li>4. Is-subparagrafu 2(c) ma għandux japplika għal kwalunkwe wieħed minn dawn li ġejjin:             <ol style="list-style-type: none"> <li>(a) oġġetti introdotti fis-suq qabel [id-data — 24 xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament];</li> <li>(b) ingēni tal-ajru manifatturati skont is-subparagrafu 3(a);</li> <li>(c) spare parts ta' ingēni tal-ajru, vetturi jew</li> </ol> </li> </ol> </li></ol> |
|---|--|

|  |   |
|--|---|
|  | <p>magni prodotti skont is-subparagrafu 3(b);</p> <p>(d) tagħmir elettriku u elettroniku fi ħdan l-ambitu tad-Direttiva 2011/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.</p> <p>5. Għall-finijiet ta' din l-entrata “ingenu tal-ajru” tfisser waħda minn dawn li ġejjin:</p> <p>(a) ingenu tal-ajru ċivili mmanifatturat f'konformità ma' ċertifikat tat-tip maħruġ skont ir-Regolament (UE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (***) jew bl-approvazzjoni tad-disinn maħruġa skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali ta' Stat kontraenti tal-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali (ICAO), jew li għalih inħareġ ċertifikat tal-ajrunavigibilità minn Stat Kontraenti tal-ICAO skont l-Anness 8 tal-Konvenzjoni dwar l-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali,</p> <p>(b) ingenu tal-ajru militari.”</p> |
|  | <hr/> <p>(*) Ir-Regolament (UE) Nru 167/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Frar 2013 dwar l-approvazzjoni u s-sorveljanza tas-suq ta' vetturi għall-agrikoltura u għall-forestrija (ĠU L 60, 2.3.2013, p. 1).</p> <p>(**) Id-Direttiva 2006/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2006 dwar il-makkinarju, u li temenda d-Direttiva 95/16/KE (ĠU L 157, 9.6.2006, p. 24).</p> <p>(***) Ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Frar 2008 dwar regoli komuni fil-kamp tal-avjazzjoni ċivili u li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni, u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 91/670/KEE, ir-Regolament (KE) Nru 1592/2002 u d-Direttiva 2004/36/KE (ĠU L 79, 19.3.2008, p. 1).</p>  |